**Minuti tal-446 laqgħa tal-Kunsill li saret**
**nhar it-Tnejn 2 ta' Marzu, 2015**

Il-laqgħa bdiet fis-6.10 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Brian Spiteri, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Joseph Vella, is-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Mark Grech.

Is-Sur Joseph Agius daħal għal-laqgħa fis-6.20 ta' filgħaxija. Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) daħal għal-laqgħa fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u s-Sur John J Pace kienu skużati. L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ s-Sinjorina Katrin Busuttil ukoll kienet skużata.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-445 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri.

Item 3 – Punti li joħorġu mill-Minuti

Dwar il-ħtieġa li tissewwa t-triq quddiem ir-residenza 'The Mumbles' fi Triq San Ġużepp, is-Sur Buttigieg reġa' saħaq dwar il-ħtieġa li dan ix-xogħol isir fi żmien qasir.

Is-Sur Buttigieg semma wkoll il-ħtieġa li jiġi rranġat ħajt li hemm fi Triq Bieb is-Sultan u li jinsab f'periklu li jaqa' fit-triq.

Item 4 - Qari tal-Minuti tas-Sotto-Kumitati

Inqraw il-minuti tal-ewwel laqgħa tas-Sotto-Kumitat għaż-Żgħażagħ u Edukazzjoni. Dawn ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja.

Fis-6.20 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Agius daħal għal-laqgħa.

Is-Sur Mark Grech tkellem dwar is-suġġeriment li sar mis-Sotto-Kumitat għaż-Żgħażagħ u Edukazzjoni biex isiru attivitajiet pubbliċi li jfakkru l-erbgħin sena mill-waqa' tal-ajruplan Vulcan f'Ħaż-Żabbar. Is-Sur Grech ippropona li l-Kunsill flimkien mal-għaqdiet u l-iskejjel ta' Ħaż-Żabbar jaħdmu flimkien biex issir din l-inizjattiva. Is-Sindku ssekonda lis-Sur Mark Grech u l-Kunsill qabel unanimament li jsiru attivitajiet għal din l-okkażjoni li d-dettalji dwarhom jingħataw aktar 'il quddiem.

Fis-6.30 is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) daħal għal-laqgħa.

Is-Sur Mark Grech ippropona l-ħatra tas-Sur Martin Busuttil bħala membru tas-Sotto-Kumitat għaż-Żgħażagħ u Edukazzjoni. Is-Sinjura Calleja ssekondat l-proposta tas-Sur Mark Grech u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-ħatra.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-NCPE dwar konferenza bit-tema *Gender Pay Gap* li ser issir nhar il-Ġimgħa 6 ta' Marzu, 2015 fit-8.30 ta' filgħodu fi Project House l-Furjana.

Dwar il-polza ta' assikurazzjoni dwar flus fil-Kunsilli Lokali, il-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Butttigieg, qabel unanimament li jġedded il-polza għall-ħlas ta' €63.00 pagabbli lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, l-Kunsill qabel unanimament ukoll li jġedded il-Group Health Policy tal-impjegati tal-Kunsill kif ukoll tal-Kunsilliera għall-perjodu ta' sena għall-ħlas ta' €55.00 għal kull persuna.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Parlamentari għall-Fond Ewropej Dr Ian Borg dwar it-tnedija tal-istrateġija l-ġdida tal-fondi reġjonali.

Dwar il-korrispondenza mibgħuta mill-Bord ta' Gvernanza dwar talba għal kumpens għal inċident tat-traffiku fi Triq il-Kapuccini, is-Sindku ppropona li din terġa' tiġi referuta lill-avukat tal-Kunsill. Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) issekonda u kulħadd qabel.

Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Leander Attard dwar ħsara li tammonta għal-€282.73 li allegatament sofra meta kien għaddej minn Triq Wied il-Għajn bil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u jirreferi dan il-każ lill-avukat tal-Kunsill għar-risposta.

Item 6 – Skeda tal-Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-perjodu 17 ta' Frar, 2015 sat-2 ta' Marzu, 2015 li kien jammonta għal €57,988.49. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-minuti tal-Laqgħa Annwali Pubblika li saret nhar l-Erbgħa 18 ta' Frar, 2015.

Item 7 – Estimi Annwali għas-Sena 2015

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Estimi Annwali għas-sena 2015. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri.

Is-Sur Mark Grech qal li filwaqt li qiegħed japprova l-Estimi Annwali kien jistenna li bħala Kunsillier inkarigat mill-Finanzi jiġi kkonsultat dwar it-tfassil ta' dan il-*budget*.

Item 8 – Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart (Jannar –Diċembru 2014).

Item 9 – Aġġudikazzjoni ta' offerti u deċiżjoni dwar il-kuntratt għall-ġbir ta' Skart Domestiku (ZLC 5/2014)

Is-Sindku ressaq il-parir legali mogħti mill-avukat Dr Mario Caruana dwar il-kuntratt għas-servizz ta' ġbir ta' skart domestiku.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Bord ta' Evalwazzjoni kompost mill-membri kollha tal-Kunsill biex jevalwaw l-offerti mitfugħa sabiex ikunu jistgħu jiġu aġġudikati l-offerti.

Wara li saret l-evalwazzjoni u ngħataw il-punti skont il-kriterji tat-tender, il-Bord ta' Evalwazzjoni klarika lill-offerenti f'din l-ordni:

1. David Grech
2. Ronald Debono
3. Saviour Mifsud
4. Wilson Mifsud
5. Nicholas Casha

Il-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg qabel unanimament li l-offerta tingħata lis-Sur David Grech bl-aktar offerta vantaġġjuża.

Item 10 – Komunikazzjoni mis-Sindku u mill-Kunsillieri

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien iltaqa' mal-Perit tat-Taqsima tax-Xogħlijiet bil-għan li ssir stima sabiex toroq prinċipali partikularment Triq Hompesch, Triq il-Kunvent u Triq ix-Xgħajra jiġu rranġati permezz ta' *extensive patching.* Biex isir dan ix-xogħol, il-Kunsill iħallas 30 fil-mija tal-ispiża tal-*labour* u jħallas għall-materjal li jintuża.

Dwar il-proġett tal-bandli s-Sindku qal li l-indikazzjonijiet mill-istimi li qiegħdin jiġu ppreparati juru li l-ispiża teċċedi l-ammont allokata għall-proġett u għaldaqstant qiegħdin isiru diskussjonijiet mat-Taqsima tax-Xogħlijiet biex ċertu xogħol bħal pavimentar u tqegħid ta' bankini, servizzi etc isiru mill-ħaddiema tal-Gvern.

Is-Sindku qal illi filwaqt illi l-Kunsill marbut li jwettaq xogħlijiet li huma stipulati fil-kuntratt tal-MEPA għall-fondi taħt l-*Urban Improvement Fund,* il-proġetti jistgħu jsiru fuq skala iżgħar billi jinbidel l-*equipment*, titneħħa l-funtana u jsir l-aktar xogħol meħtieġ bil-fondi disponibbli.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet dwar l-importanza li jkun hemm bandli għall-użu ta' persuni bi bżonnijiet speċjali.

Is-Sur Joseph Vella semma l-possibbiltà li tintalab għajnuna mis-sezzjoni tal-Parks u tat-Taqsima ta' Xogħlijiet.

Is-Sindku semma t-tiżjin tal-Milied fit-toroq prinċipali ta' Ħaż-Żabbar u ppropona li jitħallas l-ammont ta' €1,005.17 għall-armar u tiżjin li kien inxtara fl-2013 biex jintramaw Triq is-Santwarju u Triq il-Kbira. Din l-ispiża tħallset mis-Sur Brian Spteri u l-armar kellu jsir b'kollaborazzjoni mas-sidien tal-ħwienet xi ħaġa li baqgħet ma mmaterjalizzatx. Is-Sur Joseph Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sinkdu u l-Kunsill qabel b'seba' voti favur u żewġ astenzjonijiet li jitħallas l-ammont relatat mill-ispiża biex sar it-tiżjin.

Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) qal li kien tkellem mal-Ministru għat-Trasport dwar il-ħtieġa li tiġi spustjata z-*zebra crossing* minn Triq Bajada, kif ukoll isiru *pelican lights* maż-*zebra crossing* ta' Triq tal-Labour fil-viċinanzi ta' Triq il-Vittorja.

Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) saħaq dwar l-importanza li jsir dawl ġdid maż-*zebra crossing* ta' Triq Hompesch.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jiġu *refreshed* il-*hatching lines* ta' Triq Bajada ma' Triq tal-Labour.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab ukoll li jitneħħew dgħajjes mitluqa li hemm fi Triq Ħadd in-Nies.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li tinżabar siġra li hemm fi Triq l-Iskola ma' Triq ix-Xgħajra minħabba l-viżibilità għas-sewwieqa, kif ukoll li tiġi rranġata l-funtana ta' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi peress illi qiegħed jintilef ħafna ilma minnha.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jingħata isem ġdid għal Triq Ġdida fi Triq iċ-Ċimiterju. Is-Sur Brian Spiteri ssekonda lis-Sur Joseph Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament li din it-triq tissemma Triq Papa Piju XII bħala tifkira tal-anniversarju mill-inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Grazzja.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jsir *traffic management* bil-għan li jinstab rimedju għall-problema tat-trafffiku fi Triq Santa Duminka, Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq l-Iskola u l-inħawi.

Is-Sinjura Calleja talbet ukoll li tiġi rranġata l-problema tal-elettriku li qiegħda tiġi kkawżata minn bozza tat-triq u li qiegħda taqta' id-dawl fir-residenza nru 41 fi Triq l-Attakk tal-Franċiżi.

Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-possibbiltà li l-Kunsill ikollu medalji żgħir li jagħti bħala onorifiċenza u li jkunu jistgħu jintlibsu minn dawk li tingħatalhom.

Is-Sur Joseph Vella tkellem dwar it-titjib propost għall-Berġa tas-Saħħa u qal illi hemm il-ħsieb li s-servizz ta' donazzjoni ta' demm fix-Xlokk ta' Malta ikun stazzjonat f'Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Joseph Bonnici tkellem dwar il-permes mogħti lill-kumpanija Hompesch Steel li ser jiskadi fil-15 ta' April 2015 u nsista li l-Kunsill jitlob li t-tiġdid tal-permess ikun marbut mat-twettiq tal-kundizzjonijiet li l-kumpanija kienet ordnata tagħmel u li baqgħu ma sarux. Fost dawn il-kundizzjonjiet kien hemm il-ħtieġa li jsir *screening* għall-ħsejjes, kostruzzjoni ta' *reservoirs* għall-ilma u rranġar tal-post b'materjal *waterproof,* u *landscaping* madwar is-sit kif ukoll xogħol ta' titjieb.

Is-Sur Joseph Vella u s-Sur Joseph Bonnici reġgħu semmew il-ħtieġa li jinxtara d-*defilibrator* u jitpoġġa fil-bini amministrattiv tal-Kunsill.

Is-Sur Joseph Bonnici semma l-ħtieġa li ssir il-laqgħa mal-*Environmental Landscaping Consortium Ltd,* kif ukoll li jiġi rranġat il-*bus shelter* ta' Triq il-Mina ta' Hompesch.

Is-Sur Joseph Bonnici ssuġerixxa wkoll li l-Kunsill ikollu laqgħat separati mal-kumpaniji tal-*Wasteserv u GreenPack.*

Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) semma l-bżonn li jsir *bus shelter* mal-*bus stop* ta' Triq ix-Xgħajra għan-nies li jkunu sejrin lejn il-Belt biex dan iservi ta' kenn mix-xita u mix-xemx.

Is-Sur Mark Grech talab li fl-iqsar żmien tinxtgħel il-bozza li kienet twaħħlet fi Triq l-Istellarju.

Is-Sur Joseph Agius semma l-bżonn li tiġi rranġata l-problema ta' ilma li qiegħed jidħol fir-residenza fi Triq Bajada ma' Triq il-Ġnien. Huwa semma l-possibbiltà li ssir *road hump* fi Triq Bajada ftit il' fuq minn Triq il-Vittorja.

Item 11 – Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fid-9.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 23 ta' Marzu, 2015.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-447 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 23 ta' Marzu, 2015.

Marc Vella Bonnici
Sindku

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

17 ta' Marzu 2015

Sur Sindku / Sinjuri Kunsillieri / Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

Nixtieq ninfurmakom li l-447 laqgħa tal-Kunsill ser issir nhar it-Tnejn, 23 ta' Marzu, 2015 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Agenda

1. Attendenza u Apoloġiji
2. Approvazzjoni tal-Minuti
3. Punti li joħorġu mill-Minuti
4. Qari tal-Minuti tas-Sotto Kumitati
5. Korrispondenza
6. Skeda tal-Pagamenti
7. Aġġudikazzjoni ta' offerti u deċiżjoni dwar il-kuntratt :
   - Offerti għas-servizz ta' *Accountant* (ZLC 1/2015)
   - Offerti għall-ġbir ta' Skart Goff (2/2015)
8. Komunikazzjoni mis-Sindku u mill-Kunsillieri
9. Aġġornament

Nirringrazzjakom u nselli għalikom

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv